MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-2 ta' Settembru, 2004

Numru 592/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**
**SPETTUR NOEL CUTAJAR**

**VS**

**ALLAN GRIMA**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Allan Grima ta’ 21 sena, iben Anthony u Anna nee’ Borg, imwieled Pieta’ nhar is-26 ta’ Dicembru 1982 u li joqghod 16, Triq Guliermu, Bormla, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 115783 (M);

Talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

Talli fid-9 ta' Gunju 2004, f'xi hin wara nofsinhar, f'Tas-Sliema, ikkommetta serq minn vettura Ford Focus bin-numru tar-registrazzjoni MVA 500 ta' diversi oggetti tal-Hi Fi, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin, bil-mezz, kif ukoll bin-natura tal-haga misruga, u dan sar ghad-detriment ta' Melchior Vassallo minn tas-Sliema;

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' fil-vettura msemmija hawn fuq, liema hsara li teccedi Lm10 izda inqas minn Lm50, saret ghad-dannu ta' Melchior Vassallo minn tas-Sliema;

Fit-2 ta' Novembru 2003, f'xi hin wara nofsinhar f'Hal Kirkop ikkommetta serq minn vettura Fiat Punto numru tar-registrazzjoni DBE 051 ta' flus kontanti, apparat tal-Hi-Fi u dokumenti ohra, liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz, xorta tal-haga misruqa u l-valur li ma' jeccedix l-elf lira, sar ghad-dannu ta' Marika Tabone minn Bugibba.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' fil-vettura msemmija hawn fuq, liema hsara li teccedi Lm50 izda inqas minn Lm500, saret ghad-dannu ta' Marika Tabone minn Bugibba;

Fit-8 ta' Gunju 2004, f'xi hin bejn it-3.00pm u 4.00pm, f'Hal Tarxien, ikkommetta serq minn vettura Mazda 323 bin-numru tar-registrazzjoni HAS 419, ta' apparat tal-Hi Fi u cheque book, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, kif

ukoll bin-natura tal-haga misruqa, sar ghad-dannu ta' Kevin Scicluna minn Haz-Zabbar;

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' fil-vettura imsemmija, liema hsara li teccedi Lm10 izda inqas minn Lm50, saret ghad-detriment ta' Kevin Scicluna minn Haz-Zabbar.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' fil-vettura Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni CBH 146, liema hsara li teccedi Lm10 izda inqas minn Lm50, saret ghad-detriment ta' Rudolph Agius mir-Rabat;

Fis-6 ta' Lulju 2004, f'xi hin wara nofsinhar f'Birzebbugia, ikkommetta serq ta' flus kontanti u oggetti ohra, liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz u l-valur li ma' jeccedix l-elf lira, sar ghad-dannu ta' Mary Alison Galea minn Birzebbugia u/jew ta' persuni ohra.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara li teccedi l-Lm50 izda inqas minn Lm500 saret ghad-dannu ta' Mary Alison Galea minn Birzebbugia u/jew persuni ohra;

Fil-25 ta' Lulju 2004, f'xi hin wara nofsinhar, f'Marsaxlokk, ikkommetta serq minn vettura Opel Corsa bin-numru tar-registrazzjoni DAC 298 ta' apparat tal-Hi Fi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, u dan sar ghad-dannu ta' Maria Dolores minn Hal Qormi;

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' fil-vettura msemmija hawn fuq, liema hsara li teccedi Lm50 izda inqas minn Lm500, saret ghad-dannu ta' Maria Dolores minn Hal Qormi;

Fit-2 ta' Novembru 2003, u fil-jiem ta' wara, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor fl-ammont ta' Lm100;

Fl-istess zmien u cirkostanzi bi hsara ta' haddiehor ghamel qliegh iehor b'qerq fl-ammont ta' Lm100;

Fit-8 ta' Lulju 2004, matul il-gurnata fiz-Zejtun, dolozament bil-hsieb li jikkommetti reat, u cioe' dak ta' serq aggravate, wera dan il-hsieb batti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma' sehhx minnhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu, liema delitt li kieku sehh kien ikun kkwalifikat bil-mezz, xorta tal-haga misruqa u l-valur li ma jeccedix l-elf lira;

Nhar il-25 ta' Lulju 2004, f'dawn il-Gzejjer bil-hsieb li jaghmel uzu temporanju, saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAA 289, kemm jekk immexija b'forza mekkanika, kemm b'mezz iehor ikun li jkun, minghajr ma' kellu l-kunsens tas-sid taghha jew awtorita' legittima ohra;

Fil-25 ta' Lulju 2004, u fil-gimghat ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, saq vetturi mmexija b'forza mekkanika, kemm b'mezz iehor ikun li jkun meta kellu l-licenzja tas-sewqan sospiza b'sentenza tal-Qorti (Ghawdex) datata 27 ta' April

2004, b'hekk ma' kienx kopert bil-Polza tas-Sigurta' dwar ir-riskju tat-terzi persuni;

Fl-istess perjodu, f'dawn il-Gzejjer, saq vetturi mmexija b'forza mekkanika kemm b'mezz iehor ikun li jkun bi speed eccessiv u b'manjiera perikoluza;

Fil-perjodu bejn it-2 ta' Novembru 2003 u l-25 ta' Lulju 2004, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Kif ukoll fl-ahharnett talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta/Ghawdex), liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Wara illi semghet lill-imptuat jirregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Wara li tat zmien lill-istess imputat jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u rat li l-imputat rega' kkonferma l-istess ammissjoni;

Ikkonsidrat:

Illi l-Qorti taghraf li din m'hix l-ewwel darba li l-imputat xellef difru mal-ligi.  Minn ezami tal-fedina penali tal-imputat, jidher li l-Qorti kienet diga' taghtu diversi opportunitajiet sabiex jirriforma hajtu u jirriabilita' mill-vizzju tad-droga u l-problemi li dan igib mieghu.  Izda dawn l-opportunitajiet kollha ma' gewx sfruttati mill-imputat, u llum jinsab akkuzat ta' serje ta' serqiet u reati

ohra, ghal liema akkuzi l-imputat gia wiegeb li hu hati. Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi biex tikkonsidra l-piena.

Mill-komplessita' tar-reati li taghhom qed jigi akkuzat, flimkien mar-regoli tal-konkors ta' reati u tar-recidiva, l-imptuat jista' jiskonta sentenza ta' prigunerija ta' 'l fuq minn tmien snin karcerazzjoni. Il-Qorti l-anqas tista' tapplika l-provvedimenti tal-Kap 446, jew ta' l-Artikoli tas-sentenza sospiza f'dan il-kaz, stante li hi prekluza mill-istess ligi milli taghmel dan, u l-anqas tara l-lok li dawn l-istess artikoli u provvedimenti jigu applikati f'dan il-kaz. Madanakollu, l-prejodu ta' prigunerija ta' tmien snin jew aktar huwa wiehed eccessiv, fil-fehma tal-Qorti, anke minhabba l-fatt li l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti kontrih fi stadju bikri tal-proceduri, wara li inghata zmien jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu. L-imputat wera wkoll ix-xewqa li jibda program ta' riabilitazzjoni mill-problema tad-droga, haga li diga' inghata l-opportunita' jaghmel f'sentenzi precedenti tal-Qorti, izda li baqa' ma' segwa qatt. Ghalhekk il-perjodu ta' karcerazzjoni jrid ikun tali li jirrispekkja l-gravita' tar-reati imwettqa minnu u tal-kundizzjoni tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 271, 278, 279, 280 u 281, 49 u 50, 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara li rat ir-rapport guramentat ta' l-Ufficjal tal-Probation Mary Grace Vella, fuq ammissjoni tal-imputat issib lill-istess imputat Allan Grima hati tal-akkuzi kif dedotti u tikkundannah ghall-perjodu ta' prigunerija ta' erba' (4) snin, minn liema perjodu ghandu jitnaqqas dak gia' skontat taht arrest preventiv.

Inoltre l-Qorti tordna wkoll li l-imputat jattendi ghall-programm residenzjali ghal riabilitazzjoni mill-abbuz tad-droga fiz-zmien opportune kif rikjest mill-ligi, u ghaldaqstant tirrakomanda lid-Direttur tal-Habs, sabiex jipprovdi l-mezzi kollha xierqa lill-imputat biex huwa

jibbenefika minn dan il-programm residenzjali skond ir-regolamenti tal-Facilita' Korrettiva.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------